AU – l-Awstralia	AU-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
			BPP, DOC, HEP, SRP							S0, ST0
			BPR	I						
			DOR	II						
			HER	III						
			POU	VI						
			RAT	VII						

▼M29

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
BR – il-Brażil	BR-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
	BR-1	L-Istati ta': Rio Grande do Sul, Santa Catarina, Paraná, São Paulo u Mato Grosso do Sul	RAT, BPR, DOR, HER, SRA		N			A		
	BR- 2	L-Istati ta': Mato Grosso, Paraná, Rio Grande do Sul, Santa Catarina u São Paulo	BPP, DOC, HEP, SRP		N					S5, ST0
	BR-3	Distrito Federal u l-Istati ta': Goiás, Minas Gerais, Mato Grosso, Mato Grosso do Sul, Paraná, Rio Grande do Sul, Santa Catarina u São Paulo	WGM	VIII						
			EP, E, POU		N					S4
BW – il-Botswana	BW-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
			BPR	I						
			DOR	II						
			HER	III						
			RAT	VII						
BY – il-Bjelorussja	BY - 0	Il-pajjiż kollu	EP u E (it-tnejn "għal tranżitu biss mil-Litwanja")	IX						
▼M36 CA – il-Kanada	CA-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
	CA-1	Il-pajjiż kollu tal-Kanada bl-esklużjoni taż-żona CA-2	BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP		N			A		S1, ST1
			WGM	VIII						
			POU, RAT		N					

▼M36

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
	CA-2	It-territorju tal-Kanada li jikkorrispondi għal:								
	CA-2.1	"Żona Primarja ta' Kontroll" delimitata minn dawn il-konfini: — fil-Punent, l-Oċean Paċifiku; — fin-Nofsinhar, il-fruntiera mal-Istati Uniti tal-Amerika; — fin-naħa tat-Tramuntana, l-Awtostrada 16: — fin-naħa tal-Lvant, il-fruntiera bejn il-Provinċji tal-British Columbia u Alberta.	WGM	VIII	P2	4.12.2014	9.6.2015			
			POU, RAT		N, P2					
	CA-2.2	Iż-żona fil-Provinċja ta' Ontario delimitata minn dawn il-konfini li ġejjin: — minn County Road 119 fejn tiltaqa' ma' County Road 64 u t-25th Line; — in-naħa tat-Tramuntana tat-25th Line fejn tiltaqa' ma' Road 68, meta tieħu it-triq lejn il-Lvant fuq Road 68 safejn terġa' tiltaqa' mat-25th Line u tibqa' sejra lejn it-Tramuntana fuq it-25th Line sa 74 Road; — in-naħa tal-Lvant fuq 74 Road mit-25th line sat-31st line; — fuq it-31st Line minn 74 Road sa 78 Road; — in-naħa tal-Lvant fuq 78 Road mit-31st Line sat-33rd Line; — it-33rd Line, lejn it-Tramuntana minn 78 Road sa 84 Road; — in-naħa tal-Lvant fuq 84 Road minn 33rd Line sa Highway 59; — in-naħa tan-Nofsinhar fuq Highway 59 minn 84 Road sa Road 78; — in-naħa tal-Lvant fuq Road 78 minn Highway 59 sat-13th Line; — in-naħa tan-Nofsinhar fuq 13 Line minn 78 Road sa Oxford Road 17;	WGM	VIII	P2	8.4.2015				
			POU, RAT		N, P2					

▼M36

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
		— in-naħa tal-Lvant fuq Oxford road 17 mit-13 line sa Oxford Road 4; — in-naħa tan-Nofsinhar fuq Oxford Road 4 minn Oxford Road 17 sa County Road 15; — in-naħa tal-Lvant fuq County Road 15, taqsam il-Highway 401, minn Oxford Road 4 sa Middletown Line; — in-naħa tan-Nofsinhar ta' Middletown Line, fejn jaqsam il-Highway 403, minn County Road 15 sa Old Stage Road; — in-naħa tal-Punent fuq Old Stage Road minn Middletown Line sa County Road 59; — in-naħa tan-Nofsinhar fuq County Road 59 minn Old Stage Road sa Curries Road; — in-naħa tal-Punent fuq Curries Road minn County Road 59 sa Cedar Line; — in-naħa tan-Nofsinhar fuq Cedar Line minn Curries Road sa Rivers Road; — in-naħa tal-Lbiċ fuq Rivers Road minn Cedar Line sa Foldens Line; — in-naħa tal-Majjistral fuq Foldens Line minn Rivers Road sa Sweaburg Road; — in-naħa tal-Lbiċ fuq Sweaburg Road minn Foldens Line sa Harris Street; — in-naħa tal-Majjistral fuq Harris Street minn Sweaburg Road sa Highway 401; — in-naħa tal-Punent ta' Highway 401 minn Harris Street sa Ingersoll Street, (County Road 10); — in-naħa tat-Tramuntana ta' Ingersoll Street (County Road 10) minn Highway 401 sa County Road 119;									

▼M36

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
		— County Road 119 minn Ingersoll Street (County Road 10) sal-oriġini fejn County Road 119 tiltaqa' ma' 25 Line.								
	CA-2.3	Iż-żona fil-Provinċja ta' Ontario delimitata minn dawn il-konfini li ġejjin: — Twnshp Rd 4, in-naħa tal-punent minn fejn taqsam il-Highway 401 sa Blandford Road; — in-naħa tat-Tramuntana fuq Blandford Road minn Twnshp Rd 4 sa Oxford-Waterloo Road; — in-naħa tal-Lvant fuq Oxford-Waterloo Road minn Blandford Road sa Walker Road; — in-naħa tat-Tramuntana fuq Walker Road minn Oxford-Waterloo Road sa Bridge St; — in-naħa tal-Lvant fuq Bridge St minn Walker Road sa Puddicombe Road; — in-naħa tat-Tramuntana fuq Puddicombe Road minn Bridge St sa Bethel Road; — in-naħa tal-Lvant fuq Bethel Road minn Puddicombe road sa Queen Street; — in-naħa tan-Nofsinhar fuq Queen Street minn Bethel Road sa Bridge street; — in-naħa tal-Lvant fuq Bridge Street minn Queen Street sa Trussler Road; — Trussler Road, in-naħa tan-Nofsinhar minn Bridge Street sa Oxford Road 8; — Oxford Road 8, in-naħa tal-Lvant minn Trussler Road sa Northumberland Street; — in-naħa tan-Nofsinhar fuq Northumberland St minn Oxford Road 8, li tkompli bħala Swan Street/Ayr Road sa Brant Waterloo Road;	WGM	VIII	P2	18.4.2015				
			POU, RAT		N P2					

▼M36

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
		— in-naħa tal-Punent fuq Brant Waterloo Road minn Swan St/Ayr Road sa Trussler Road; — in-naħa tan-Nofsinhar fuq Trussler Road minn Brant Waterloo Road sa Township Road 5; — n-naħa tal-Punent fuq Township Road 5 minn Trussler Road sa Blenheim Road; — in-naħa tan-Nofsinhar fuq Blenheim Road minn Township Road 5 sa Township Road 3; — in-naħa tal-Punent fuq Township Road 3 minn Blenheim Road sa Oxford Road 22; — in-naħa tat-Tramuntana fuq Oxford Road 22 minn Township Road 3 sa Township Road 4; — in-naħa tal-Punent fuq Township Road 4 minn Oxford Road 22 sa Highway 401.								

▼M29

CH – l-Isvizzera	CH-0	Il-pajjiż kollu	(3)					A		(3)
CL – iċ-Ċilì	CL-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
			BPR, BPP, DOC, DOR, HEP, HER, SRA, SRP		N			A		S0, ST0
			WGM	VIII						
			POU, RAT		N					
CN – iċ-Ċina	CN-0	Il-pajjiż kollu	EP							
	CN-1	il-Provinċja ta' Shandong	POU, E	VI	P2	6.2.2004	—			S4
GL – Il-Groenlandja	GL-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, WGM							

▼M29

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
HK – Hong Kong	HK-0	It-territorju kollu tar-Reġjun Amministrattiv Speċjali ta' Ħong Kong	PE							
▼M34										
IL – Israel (6)	IL-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER	X	N			A		S5, ST1
			SRP		P3	18.4.2015				
			POU, RAT	X	N					
			WGM	VIII	P3	18.4.2015				
			E	X						S4
			EP							
▼M29										
IN – l-Indja	IN-0	Il-pajjiż kollu	EP							
IS – l-Islanda	IS-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
KR – ir-Repubblika tal-Korea	KR-0	Il-pajjiż kollu	EP, E							S4
MD- Moldova	MD-0	Il-pajjiż kollu	EP							
ME – Montenegro	ME-0	Il-pajjiż kollu	EP							
MG – Madagaskar	MG-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E, WGM							S4
MY – Il-Malażja	MY-0	—	—							
	MY-1	Il-Peninżulari tal-Punent	EP							
			E							S4
MK – dik li kienet ir-Repubblika Yugoslava tal-Maċedonja (4)	MK-0 (4)	Il-pajjiż kollu	EP							

▼M29

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
MX – Il-Messiku	MX-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP		P2	17.5.2013				
NA – In-Namibja	NA-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPR	I						
			DOR	II						
			HER	III						
			RAT, EP, E	VII						S4
NC – New Caledonia	NC-0	Il-pajjiż kollu	EP							
NZ – New Zealand	NZ-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA							S0, ST0
			WGM	VIII						
			EP, E, POU, RAT							S4
PM – Saint Pierre u Miquelon	PM-0	It-territorju kollu	SPF							
RS – is-Serbja (5)	RS-0 (5)	Il-pajjiż kollu	EP							
RU – Ir-Russja	RU-0	Il-pajjiż kollu	EP, E, POU							S4
SG – Singapor	SG-0	Il-pajjiż kollu	EP							
TH – It-Tajlandja	TH-0	Il-pajjiż kollu	SPF, EP							
			WGM	VIII			1.7.2012			
			POU, RAT				1.7.2012			
			E				1.7.2012			S4

▼M29

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
TN – It-Tuneżija	TN-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			BPP, BPR, DOR, HER							S0, ST0
			WGM	VIII						
			EP, E, POU, RAT							S4
TR – It-Turkija	TR-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4

▼M34

UA – L-Ukraina	UA-0	Il-pajjiż kollu	E, EP, POU, RAT, WGM							

▼M40

US — L-Istati Uniti	US-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
	US-1	Iż-żona tal-Istati Uniti, minbarra t-territorju US-2	BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, SRP, SRA		N			A		S3, ST1
			WGM	VIII						
			POU, RAT		N					
	US-2	Iż-żona tal-Istati Uniti li tikkorrispondi għal:								
	US-2.1	L-Istat ta' Washington: Il-Kontea ta' Benton Il-Kontea ta' Franklin	WGM	VIII	P2	19.12.2014	7.4.2015			
			POU, RAT		N P2					
	US-2.2	L-Istat ta' Washington: Il-Kontea ta' Clallam	WGM	VIII	P2	19.12.2014	11.5.2015			
			POU, RAT		N P2					

▼M40

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
	US-2.3	L-Istat ta' Washington:	WGM	VIII	P2					
		Il-Kontea ta' Okanogan (1):	POU, RAT		N P2					
		(a) **It-Tramuntana**: Ibda fl-intersezzjoni ta' bejn US 97 WA 20 u S.Janis Road u ikser fuq il-lemin għal S Janis Road. Ikser fuq ix-xellug għal McLaughlin Canyon Road, ikser fuq il-lemin għal Hardy Road, u mbagħad dur fuq ix-xellug għal Chewilken Valley Road.								
		(b) **Il-Lvant**: Minn Chewilken Valley Road dur fuq il-lemin għal JH Green Road, ikser fuq ix-xellug għal Hosheit Road, erġa' ikser fuq ix-xellug għal Tedrow Trail Road, u ikser għal darba oħra fuq ix-xellug għal Brown Pass Road sal-linja tal-fruntiera ta' Colville Tribe. Imxi lejn il-Punent mal-linja tal-fruntiera ta' Colville Tribe u wara imxi lejn in-Nofsinhar sa ma taqsam il-US 97 WA 20.				29.1.2015	16.6.2015			
		(c) **In-Nofsinhar**: Ikser fuq il-lemin għal US 97 WA 20, wara ikser fuq ix-xellug għal Cherokee Road, imbagħad dur fuq il-lemin għal Robinson Canyon Road. Ikser fuq ix-xellug għal Bide A Wee Road, erġa' ikser fuq ix-xellug għal Duck Lake Road, dur fuq il-lemin għal Soren Peterson Road, dur fuq ix-xellug għal Johnson Creek Road, u mbagħad ikser fuq il-lemin għal George Road. Ikser fuq ix-xellug għal Wetherstone Road u mbagħad ikser fuq il-lemin għal Eplay Road.								
		(d) **Il-Punent**: Minn Eplay Road ikser fuq il-lemin għal Conconully Road/6th Avenue N., ikser fuq ix-xellug għal Green Lake Road, wara dur fuq il-lemin għal Salmon Creek Road, erġa' dur fuq il-lemin għal Happy Hill Road u fl-aħħar ikser fuq ix-xellug għal Conconully Road (li tiġi fil-Main Street). Ikser fuq il-lemin għal Broadway,								

▼M40

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
		ikser fuq ix-xellug għal C Street, wara dur fuq il-lemin għal Lake Street E, erġa' dur fuq il-lemin għal Sinlahekin Road, ikser darba oħra fuq il-lemin għal S. Fish Lake Road, u erġa' ikser fuq il-lemin għal Fish Lake Road. Dur fuq ix-xellug għal N. Pine Creek Road, ikser fuq il-lemin għal Henry Road (li tiġi fl-N. Pine Creek Road), wara ikser fuq il-lemin għal Indian Springs Road, erġa' ikser fuq il-lemin għal Hwy 7 biex tispiċċa fil-US 97 WA 20.								
	US-2.4	L-Istat ta' Washington:	WGM	VIII	P2					
		Il-kontea ta' Okanogan (2): (a) **It-Tramuntana**: Ibda fejn US Hwy 97 taqsam il-fruntiera Kanadiża, kompli lejn il-Lvant matul il-fruntiera Kanadiża u wara dur fuq il-lemin għal 9 Mile Road (County Hwy 4777). (b) **Il-Lvant**: Minn 9 Mile Road dur fuq il-lemin għal Old Hwy 4777 li tagħti għan-Nofsinhar għal Molson Road. Ikser fuq il-lemin għal Chesaw Road, dur fuq ix-xellug għal Forest Service 3525, u erġa' ikser fuq ix-xellug għal Forest Development Road 350, li tispiċċa f'Forest Development Road 3625. Minn hemm imxi lejn il-Punent u dur fuq ix-xellug għal Forest Service 3525, ikser fuq il-lemin għal Rone Road, erġa' ikser fuq il-lemin għal Box Spring Road, imbagħad ikser fuq ix-xellug għal Mosquito Creek Road, u fl-aħħar ikser fuq il-lemin għal Swanson Mill Road. (c) **In-Nofsinhar**: Minn Swanson Mill Road ikser fuq ix-xellug għal O'Neil Road u wara imxi lejn in-Nofsinhar f'US 97. Dur fuq il-lemin għal Ellis Forde Bridge Road, ikser fuq ix-xellug għal Janis Oroville (SR 7), wara ikser fuq il-lemin għal Loomis Oroville Road, erġa' ikser fuq il-lemin għal Wannacut Lake Road, ikser fuq ix-xellug għal Ellemeham Mountain Road,	POU, RAT		N P2	3.2.2015	6.5.2015			

▼M40

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
		erġa' dur fuq ix-xellug għal Earth Dam Road, ikser għal darba oħra fuq ix-xellug għal triq bla isem, ikser fuq il-lemin għal triq bla isem, imbagħad dur fuq il-lemin għal triq oħra bla isem, ikser fuq ix-xellug għal triq bla isem u fl-aħħar dur fuq ix-xellug għal triq oħra bla isem. (d) **Il-Punent**: Mit-triq bla isem dur fuq il-lemin għal Loomis Oroville Road, imbagħad ikser fuq ix-xellug għal Smilkameen Road sal-fruntiera Kanadiża.								
US-2.5	L-Istat ta' Oregon: Il-Kontea ta' Douglas	WGM	VIII	P2	19.12.2014	23.3.2015			
		POU, RAT		N P2					
US-2.6	L-Istat ta' Oregon: Il-Kontea ta' Deschutes	WG	VIII	P2	14.2.2015	19.5.2015			
		POU, RAT		N P2					
US-2.7	L-Istat ta' Oregon: Il-Kontea ta' Malheur	WGM	VIII	P2	20.1.2015	11.5.2015			
		POU, RAT		N P2					
	L-Istat ta' Idaho: Il-Kontea ta' Canyon Il-Kontea ta' Payette	WGM	VIII	P2					
		POU, RAT		N P2					
US-2.8	L-Istat ta' California:	WGM	VIII	P2	23.1.2015				
	Il-Kontea ta' Stanislaus/Il-Kontea ta' Tuolumne: Żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt N fuq il-fruntiera ċirkolari taż-Żona ta' Kontroll u li testendi favur l-arloġġ:	POU, RAT		N P2		5.5.2015			

▼M40

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
		(a) **It-Tramuntana**: 2,5 mili Lvant mill-intersezzjoni bejn State Hwy. 108 u Williams Road. (b) **Il-Grigal**: 1,4 mili Xlokk mill-intersezzjoni bejn Rock River Dr. u Tulloch Road. (c) **Il-Lvant**: 2,0 mili Majjistral mill-intersezzjoni bejn Milpitas Road u Las Cruces Road. (d) **Ix-Xlokk**: 1,58 mili Lvant mit-tarf tat-Tramuntana ta' Rushing Road. (e) **In-Nofsinhar**: 0,70 mili Nofsinhar mill-intersezzjoni bejn State Highway132 u Crabtree Road. (f) **Il-Lbiċ**: 0,8 mili Xlokk mill-intersezzjoni bejn Hazel Dean Road u Loneoak Road. (g) **Il-Punent**: 2,5 mili Lbiċ mill-intersezzjoni bejn Warnerville Road u Tim Bell Road. (h) **Il-Majjistral**: 1,0 mili Xlokk mill-intersezzjoni bejn CA-120 u Tim Bell Road.								
	US-2.9	L-Istat ta' California:	WGM	VIII	P2	12.2.2015				
		Il-Kontea ta' Kings: Żona b'raġġ ta' 10 km li tibda mill-punt N fuq il-fruntiera ċirkolari taż-Żona ta' Kontroll u li testendi favur l-arloġġ: (a) **It-Tramuntana**: 0,58 mili Tramuntana minn Kansas Avenue (b) **Il-Grigal**: 0,83 mili Lvant minn CA-43. (c) **Il-Lvant**: 0,04 mili Lvant minn 5th Avenue	POU, RAT		N P2		26.5.2015			

▼M40

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
		(d) **Ix-Xlokk**: 0,1 mili Lvant mill-intersezzjoni bejn Paris Avenue u 7th Avenue (e) **In-Nofsinhar**: 1,23 mili Tramuntana minn Redding Avenue (f) **Il-Lbiċ**: 0,6 mili Punent mill-intersezzjoni ta' Paris Avenue u 15th Avenue (g) **Il-Punent**: 1,21 mili Lvant minn 19th Avenue (h) **Il-Majjistral**: 0,3 mili Tramuntana mill-intersezzjoni ta' Laurel Avenue u 16th Avenue								
US-2.10	L-Istat ta' Minnesota:	WGM	VIII	P2	5.3.2015					
		POU, RAT		N P2						
US-2.11.1	L-Istat ta' Missouri: Il-Kontea ta' Jasper Il-Kontea ta' Barton	WGM	VIII	P2	8.3.2015	18.6.2015				
		POU, RAT		N P2						
US-2.11.2	L-Istat ta' Missouri: Il-Kontea ta' Moniteau Il-Kontea ta' Morgan	WGM	VIII	P2	10.3.2015	11.6.2015				
		POU, RAT		N P2						
US-2.11.3	L-Istat ta' Missouri: Il-Kontea ta' Lewis	WGM	VIII	P2	5.5.2015	20.9.2015				
		POU, RAT		N P2						
US-2.13	L-Istat ta' Arkansas: Il-Kontea ta' Boone Il-Kontea ta' Marion	WGM	VIII	P2	11.3.2015	13.7.2015				
		POU, RAT		N P2						
US-2.14	L-Istat ta' Kansas: Il-Kontea ta' Leavenworth Il-Kontea ta' Wyandotte	WGM	VIII	P2	13.3.2015	12.6.2015				
		POU, RAT		N P2						

▼M40

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
	US-2.15	L-Istat ta' Kansas: Il-Kontea ta' Cherokee Il-Kontea ta' Crawford	WGM		P2	9.3.2015	18.6.2015			
			POU, RAT		N P2					
	US-2.16	L-Istat ta' Montana: Il-Kontea ta' Judith Basin Il-Kontea ta' Fergus	WGM	VIII	P2	2.4.2015				
			POU, RAT		N P2					
	US-2.17	L-Istat ta' North Dakota:	WGM	VIII	P2	11.4.2015				
			POU, RAT		N P2					
	US-2.18	L-Istat ta' South Dakota Il-Kontea ta' Beadle Il-Kontea ta' Bon Homme Il-Kontea ta' Brookings Il-kontea ta' Brown Il-kontea ta' Hutchinson Il-kontea ta' Kingsbury Il-kontea ta' Lake Il-Kontea ta' McCook Il-Kontea ta' McPherson Il-Kontea ta' Minnehaha Il-Kontea ta' Moody Il-Kontea ta' Roberts Il-Kontea ta' Spink Il-Kontea ta' Yankton	WGM	VIII	P2	1.4.2015				
			POU, RAT		N P2					
	US-2.19.1	L-Istat ta' Wisconsin: Il-Kontea ta' Barron	WGM	VIII	P2	16.4.2015	18.8.2015			
			POU, RAT		N P2					
	US-2.19.2	L-Istat ta' Wisconsin: Il-Kontea ta' Jefferson	WGM	VIII	P2	11.4.2015	17.8.2015			
			POU, RAT		N P2					
	US-2.19.3	L-Istat ta' Wisconsin: Il-Kontea ta' Chippewa	WGM	VIII	P2	23.4.2015	29.7.2015			
			POU, RAT		N P2					

▼M40

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
	US-2.19.4	L-Istat ta' Wisconsin: Il-Kontea ta' Juneau	WGM	VIII	P2	17.4.2015	6.8.2015			
			POU, RAT		N P2					
	US-2.20	L-Istat ta' Iowa:	WGM	VIII	P2	14.4.2015				
			POU, RAT		N P2					
	US-2.21	L-Istat ta' Indiana: Il-Kontea ta' Whitley	WGM	VIII	P2	10.5.2015	8.8.2015			
			POU, RAT		N P2					
	US-2.22	L-Istat ta' Nebraska: Il-Kontea ta' Dakota Il-Kontea ta' Dixon Il-Kontea ta' Thurston Il-Kontea ta' Wayne	WGM	VIII	P2	11.5.2015				
			POU, RAT		N P2					

▼M29

UY – L-Urugwaj	UY-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E, RAT							S4

▼M39

ZA — l-Afrika t'Isfel	ZA-0	Il-pajjiż kollu	SPF							
			EP, E							S4
			BPR	I	P2	9.4.2011		A		
			DOR	II	P2	9.4.2011				
			KRI	III	P2	9.4.2011				
			RAT	VII	H	9.4.2011	25.8.2015			

▼**M29**

1	2	3	4	5	6	6A	6B	7	8	9
ZW – Zimbabwe	ZW-0	Il-pajjiż kollu	RAT	VII						
			EP, E							S4

([1]) Il-prodotti, inklużi dawk ittrasportati fl-ibħra internazzjonali, manifatturati qabel din id-data, jistgħu jiġu importati fl-Unjoni matul perjodu ta' 90 jum minn din id-data.
([2]) Dak li hu prodott wara din id-data biss jista' jiġi importat fl-Unjoni.
([3]) Skont il-ftehim bejn l-Unjoni Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kummerċ ta' prodotti agrikoli (ĠU L 114, 30.4.2002, p. 132).
([4]) Dik li Kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja; kodiċi provviżorju li ma jippreġudika bl-ebda mod in-nomenklatura definittiva għal dan il-pajjiż, li tkun miftiehma wara l-konklużjoni tan-negozjati li fil-preżent qed isiru dwar dan is-suġġett fin-Nazzjonijiet Uniti.
([5]) Mhux inkluż il-Kosovo, kif definit mir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti 1244 tal-10 ta' Ġunju 1999.
([6]) Minn hawn 'il quddiem mifhum bħala l-Istat tal-Iżrael, bl-esklużjoni tat-territorji li jinsabu taħt l-Amministrazzjoni tal-Iżrael sa minn Ġunju 1967, jiġifieri l-Għoljiet ta' Golan, l-Istrixxa ta' Gaża, Ġerusalemm tal-Lvant u l-bqija tax-Xatt tal-Punent.

▼B

PARTI 2

Ċertifikati veterinarji mudell

Mudell(i):

"BPP":	Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għat-tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr ir-ratiti
"BPR":	Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għar-ratiti tat-tgħammir jew produttivi
"DOC":	Mudell ta' ċertifikat veterinarju għall-flieles ta' ġurnata għajr għal għasafar li ma jtirux
"DOR":	Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għall-flieles ta' jum tar-ratiti
"HEP":	Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għat-tfaqqis tal-bajd tat-tjur għajr ratiti
"HER":	Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għall-bajd għat-tifqis tar-ratiti
"SPF":	Ċertifikat veterinarju mudell għall-bajd speċifikat mingħajr patoġeni
"SRP":	Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għat-tjur għall-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid tal-forniturі tat-tjur tal-kaċċa għajr ir-ratiti
"SRA":	Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għar-ratiti għall-qatla
"POU":	Mudell ta' ċertifikat veterinarju għal-laħam tat-tjur
"POU-MI/MSM":	Ċertifikat veterinarju mudell għal-laħam ikkapuljat u l-laħam tat-tjur separat bil-magni
"RAT":	Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għal-laħam ta' ratiti mkabbra fl-irziezet għall-konsum mill-bniedem
"RAT-MI/MSM":	Ċertifikat veterinarju mudell għal-laħam ikkapuljat u laħam separat bil-magni ta' għasafar li ma jtirux imkabbra għall-konsum uman
"WGM":	Ċertifikat veterinarju mudell għal-laħam ta' għasafar tal-kaċċa selvaġġi
"WGM-MI/MSM":	Ċertifikat veterinarju mudell għal-laħam ikkapuljat ta' l-għasafar tal-kaċċa selvaġġi u separat bil-magni
"E":	Ċertifikat veterinarju mudell għall-bajd
"EP":	Ċertifikat veterinarju mudell għall-prodotti tal-bajd

Garanzi addizzjonali (AG):

"I":	Garanziji għall-għasafar li ma jtirux għat-tgħammir u produttivi li ġejjin minn pajjiż terz, territorju, jew żona li mhuwiex ħieles/ħielsa mill-marda ta' Newcastle, ċertifikat skond il-mudell BPR

▼B

"II": Garanziji għall-flieles ta' ġurnata ta' l-għasafar li ma jtirux li ġejjin minn pajjiż terz, territorju, jew żona li mhuwiex ħieles/ħielsa mill-marda ta' Newcastle, ċertifikati skond il-mudell DOR

"III": Garanziji għall-bajd għat-tfaqqis ta' l-għasafar li ma jtirux li ġejjin minn xi pajjiż terz, territorju, żona territorju, jew żona li mhuwiex ħieles/ħielsa mill-marda ta' Newcastle ċertifikati skond il-mudell HER

▼M1

_____

▼B

"V": Garanziji għall-għasafar li ma jtirux tal-qatla li ġejjin minn pajjiż terz, territorju, territorju, jew żona li mhuwiex ħieles/ħielsa mill-marda ta' Newcastle, ċertifikat skond il-mudell SRA

"VI": garanziji addizzjonali li jkopru l-laħam tat-tjur ċertifikati skond il-mudell POU

"VII": garanziji addizzjonali li jkopru l-laħam ta' l-għasafar li ma jtirux imkabbra fir-razzett biex jiġu kkonsmati min-nies ċertifikati skond il-mudell RAT

"VIII": garanziji addizzjonali għal-laħam tat-tjur tal-kaċċa selvaġġi ċertifikati skond il-mudell WGM

▼M26

"IX": it-tranżitu ta' kunsinni ta' bajd, prodotti tal-bajd u laħam tat-tjur li ġejjin mill-Bjelorussja u li huma intiżi għat-territorju Russu ta' Kaliningrad biss għandu jitħalla jgħaddi biss mil-Litwanja sakemm hu konformi mal-Artikolu 18(2), (3) u (4)

▼M34

"X": Garanziji addizzjonali li jkopru prodotti ċċertifikati skont il-punt 8 tal-Anness III u l-mudelli taċ-ċertifikat BPP, BPR, DOC, DOR, HEP, HER, POU, RAT u E.

▼M1

Programm ta' Kontroll tas-Salmonella:

"S0" Il-projbizzjoni biex jiġu esportati fil-Komunità tjur tat-tgħammir jew produttiv (BPP) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, flieles ta' ġurnata (DOC) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, tjur tal-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid (SRP) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* u bajd tat-tfaqqis (HEP) tal-ispeċi *Gallus gallus* għaliex il-programm ta' kontroll rilevanti għas-Salmonella ma ġiex sottomess lill-Kummissjoni jew inkella approvat minnha skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

"S1" Projbizzjoni biex jiġu esportati fil-Komunità tjur tat-tgħammir jew produttiv (BPP) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, flieles ta' ġurnata (DOC) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* u tjur tal-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid (SRP) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* għal finijiet oħra għajr it-tgħammir, għaliex il-programm ta' kontroll rilevanti għas-Salmonella ma ġiex sottomess lill-Kummissjoni jew inkella approvat minnha skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

"S2" Projbizzjoni biex jiġu esportati fil-Komunità tjur tat-tgħammir jew produttiv (BPP) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus*, flieles ta' ġurnata (DOC) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* u tjur tal-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid (SRP) tal-ispeċi ta' *Gallus gallus* għal finijiet oħra għajr it-tgħammir jew għall-bajd, għaliex il-programm ta' kontroll rilevanti għas-Salmonella ma ġiex sottomess lill-Kummissjoni jew inkella approvat minnha skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

▼M1

“S3”	Projbizzjoni biex jiġu esportati fil-Komunità tjur tat-tgħammir jew produttiv (BPP) tal-ispeċi ta’ *Gallus gallus* u tjur tal-qatla u tjur għall-istokkjar mill-ġdid (SRP) tal-ispeċi ta’ *Gallus gallus* għal finijiet oħra għajr it-tgħammir, għaliex il-programm ta’ kontroll rilevanti għas-Salmonella ma ġiex sottomess lill-Kummissjoni jew inkella approvat minnha skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003.
“S4”	Projbizzjoni biex jiġu esportati fil-Komunità bajd (E) tal-ispeċi *Gallus gallus* minbarra bajd tal-klassi B skont ir-Regolament (KE) Nru 557/2007 għaliex il-programm ta’ kontroll rilevanti għas-Salmonella ma ġiex sottomess lill-Kummissjoni jew inkella approvat minnha skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003.

▼M5

“S5”	Projbizzjoni biex jiġu esportati lejn l-Unjoni tjur produttiv u għat-tnissil ta’ *Gallus gallus* (BPP), tjur għall-qatla u tjur għall-ħażna mill-ġdid (SRP) ta’ *Gallus gallus* għax ma ntbagħatx programm ta’ kontroll tas-*Salmonella* skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 lill-Kummissjoni jew ma ġiex approvat minnha.
“ST0”	Il-projbizzjoni biex jiġu esportati lejn l-Unjoni tjur produttiv jew għat-tnissil (BPP) tad-dundjani, flieles tad-dundjani ta’ ġurnata (DOC), tjur għall-qatla u tjur għall-ħażna mill-ġdid (SRP) tad-dundjani u bajd li jfaqqsu (HEP) tad-dundjani għax ma ntbagħatx programm ta’ kontroll rilevanti għas-*Salmonella* skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 lill Kummissjoni jew ma ġiex approvat minnha.
“ST1”	Projbizzjoni biex jiġu esportati lejn l-Unjoni tjur produttiv u għat-tnissil (BPP) ta’ dundjani, tjur għall-qatla u tjur għall-ħażna mill-ġdid (SRP) ta’ dundjani għax ma ntbagħatx programm ta’ kontroll rilevanti tas-*Salmonella* skont ir-Regolament (KE) Nru 2160/2003 lill-Kummissjoni jew ma ġiex approvat minnha.

▼B

Kundizzjonijiet speċifiċi:

“P2”:	Projbizzjoni fuq l-importazzjoni fil-Komunità jew it-tranżitu minnha minħabba restrizzjonijiet marbuta ma’ xi tfaqqigħa ta’ HPAI
“P3”:	Projbizzjoni fuq l-importazzjoni fil-Komunità jew it-tranżitu minnha minħabba restrizzjonijiet marbuta ma’ xi tfaqqigħa ta’ ND

▼M3

“N”:	Ingħataw garanziji li l-leġiżlazzjoni dwar il-kontroll tal-marda ta’ Newcastle fil-pajjiż terz jew it-territorju hija ekwivalenti għal dik applikata fl-Unjoni. F’każ ta’ tifqigħa tal-marda ta’ Newcastle, l-importazzjonijiet jistgħu jibqgħu jiġu awtorizzati mill-pajjiż terz jew it-territorju mingħajr bdil fil-kodiċi tal-pajjiż terz jew il-kodiċi tat-territorju. Madankollu, l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni miż-żoni kollha li jitqegħdu taħt restrizzjonijiet uffiċjali mill-awtorità kompetenti ta’ pajjiż terz jew tat-territorju kkonċernati minħabba t-tifqigħa ta’ dik il-marda għandhom jiġu awtomatikament ipprojbiti

▼M29

_____

"H": Ingħataw garanziji li l-laħam ta' ratiti mrobbija fi stabbilimenti għall-konsum mill-bniedem (RAT) hu prodott minn ratiti miżmuma fi stabbiliment magħluq irreġistrat, u li hu approvat mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz. Fil-każ ta' tifqigħa tal-HPAI fit-territorju tal-pajjiż terz, l-importazzjonijiet ta' laħam bħal dan għandhom jibqgħu ikunu awtorizzati, sakemm ikun ittieħed minn ratiti ġejjin minn stabbiliment irreġistrat magħluq li jkun ħieles mil-LPAI u l-HPAI; u meta f'raġġ ta' 100 km madwar dak l-istabbiliment, inkluż, fejn applikabbli, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma tkun seħħet ebda tifqigħa ta' LPAI jew HPAI għal mill-inqas l-aħħar 24 xahar, u jekk ma jkun hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' stabbilimenti tat-tjur tal-irziezet jew ta' ratiti li jkun fihom LPAI jew HPAI fl-aħħar 24 xahar.

▼B

Programm ta' sorveljanza ta' l-influwenza tat-tjur u pjan ta' tilqim kontra l-influwenza tat-tjur:

"A": Pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment li jagħmel programm ta' sorveljanza dwar l-influwenza tat-tjur skond ir-Regolament (KE) Nru 796/2008

"B": Pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment li jagħmel it-tilqim kontra l-influwenza tat-tjur skond ir-Regolament (KE) Nru 798/2008

Noti

Noti ġenerali:

(a) Ċertifikati veterinarji bbażati fuq il-mudelli fil-Parti 2 ta' dan l-Anness u skond il-format tal-mudell li jikkorrispondi mal-prodott konċernat għandhom jinħarġu mill-pajjiż, territorju, żona jew kumpartiment esportatur. Huma għandu jkun fihom, skond l-ordni li tidher fil-mudell, iċ-ċertifikati li huma meħtieġa għal kull pajjiż terz u, fejn japplika, dawk ir-rekwiżiti tas-saħħa addizzjonali meħtieġa għall-pajjiż, territorju, żona jew kumpartiment esportatur.

Fejn ikunu hemm bżonn ta' aktar garanziji mill-Istat Membru ta' l-UE tad-destinazzjoni għall-prodott konċernat, dawn għandhom jitniżżlu fuq l-oriġinal taċ-ċertifikat veterinarju.

(b) Irid jiġi preżentat ċertifikat separat, wieħed għal kull kunsinna tal-prodott konċernat, esportat lejn l-istess destinazzjoni minn xi territorju li jidher fil-kolonni 2 u 3 tal-Parti 1 ta' dan l-Anness u li ġie trasportat fl-istess vagun tal-ferrovija, vann, ajruplan jew vapur.

(c) L-oriġinal taċ-ċertifikati għandu jkun magħmul minn paġna waħda stampata miż-żewġ naħat jew, fejn tkun meħtieġa aktar kitba, b'tali mod li l-paġni kollha jiffurmaw wieħed sħiħ u ma jistgħux jiġu separati.

(d) Iċ-ċertifikat għandu jissawwar b'talanqas lingwa waħda uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' l-UE fejn issir l-ispezzjoni fuq il-fruntiera u b'lingwa waħda uffiċjali ta' l-Istat Membru ta' l-UE tad-destinazzjoni. Minkejja dan, dawk l-Istati Membri jistgħu jħallu lingwa oħra Komunitarja minflok tagħhom, flimkien ma', jekk hemm bżonn, traduzzjoni uffiċjali.

(e) Fejn ikun hemm paġni addizzjonali meħmuża maċ-ċertifikat għall-finijiet li jiġu identifikati l-oġġetti li hemm fil-kunsinna, dawk il-paġni addizzjonali għandhom jitqiesu li jiffurmaw parti mill-oriġinal taċ-ċertifikat, dejjem jekk il-firma u t-timbru tal-veterinarju uffiċjali li jiċċertifika jidher fuq kull paġna.

▼B

(f) Meta ċ-ċertifikat, inkluż kull paġna addizzjonali kif stipulat f' (e), ikun magħmul minn aktar minn paġna waħda, kull paġna għandha tkun enumerata "–x(*numru tal-paġna*) ta' y(*numru totali ta' paġni*)–" fil-qiegħ u għandu jkollha n-numru tal-kodiċi taċ-ċertifikat allokat mill-awtorita kompetenti fin-naħa ta' fuq.

(g) L-oriġinal taċ-ċertifikat irid jimtela u jiġi ffirmat minn xi veterinarju uffiċjali mhux qabel 24 siegħa mindu tiġi mgħobbija l-kunsinna għall-importazzjonijiet lejn il-Komunita, sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor. Għal dak il-għan, l-awtoritajiet kompetenti tal-pajjiż esportatur għandhom jassiguraw li l-prinċipji ta' ċertifikazzjoni ekwivalenti għal dawk stipulati fid-Direttiva 96/93/KE jiġu segwiti.

Il-kulur tal-firma għandu jkun differenti minn dak ta' l-istampar. L-istess regola għandha tapplika għat-timbri barra dawk li huma imbuzzati 'l barra jew watermarks.

(h) L-oriġinal taċ-ċertifikat ird ikun mal-kunsinna safejn jikkonċerna l-post ta' spezzjoni fuq il-fruntiera ta' l-UE.

Noti addizzjonali għat-tjur u l-flieles ta' ġurnata:

(i) Iċ-ċertifikat għandu jkun validu għal 10 ijiem mid-data tal-ħruġ, sakemm ma jkunx dikjarat mod ieħor.

Fil-każ ta' trasport bil-vapur, il-perjodu ta' validita għandu jiġi estiż biż-żmien meħud għall-vjaġġ. Għal dak il-għan, l-oriġinal ta' xi dikjarazzjoni mill-kaptan tal-vapur, magħmul skond l-Anness II, għandu jiġi mehmuż maċ-ċertifikat veterinarju.

(j) It-tjur u l-flieles ta' ġurnata m'għandhomx jinġarru ma' tjur u flieles ta' ġurnata oħra li jew mhumiex intiżi għall-Komunità Ewropea jew huma ta' status tas-saħħa iktar baxx.

(k) It-tjur u l-flieles ta' ġurnata m'għandhomx waqt il-ġarr lejn il-Komunità jiġu mċaqalqa minn jew jinħattu f'xi pajjiż terz, territorju, żona jew kumpartiment li minnu l-importazzjonijiet ta' dawk it-tjur u flieles ta' ġurnata mhumiex awtorizzati fil-Komunità.

▼M34

Mudell ta' ċertifikat veterinarju għat-tjur produttiv u għat-tgħammir minbarra l-għasafar li ma jtirux (BPP)

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-kunsinna mibgħuta

I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat I.2.a. I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti I.4. Awtorità Lokali Kompetenti
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.		I.6.
I.7. Pajjiż tal-oriġini Kodiċi ISO	I.8. Ir-reġjun tal-oriġini Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni Kodiċi ISO I.10.
I.11. Il-post tal-oriġini Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem Numru tal-approvazzjoni Indirizz		I.12.
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz Numru tal-approvazzjoni		I.14. Data tat-tluq Ħin tat-tluq
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Dokument:		I.16. BIP tad-dħul fl-UE I.17. Numru/i tas-CITES
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott		I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA) I.20. Kwantità
I.21.		I.22. Għadd ta' pakketti
I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur		I.24.
I.25. Prodotti ċċertifikati bħala: Tgħammir ☐		
I.26.		I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐
I.28. Identifikazzjoni tal-prodott Speċi (isem xjentifiku) Razza/Kategorija Kwantità		

▼M34

PAJJIŻ **BPP (tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li t-tjur ([1]) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/158/KE;

II.1.2 baqgħu fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

għal mill-anqas tliet xhur jew mindu faqqsu fejn ikollhom inqas minn tliet xhur; fejn kienu importati fil-pajjiż, territorju, żona jew kompartiment tal-oriġini, dan sar skont il-kundizzjonijiet veterinarji stretti talanqas daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KE u kull Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.3 ġejjin minn:

([2]) ([3]) ([12]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

(a) li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat, ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

(b) fejn ikun twettaq programm ta' sorveljanza għall-influwenza avjarja skont ir-Regolament (KE) Nru 798/2008;

II.1.4 ġejjin minn:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja u b'patoġeniċità baxxa kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

([3]) *jew* [II.1.4.1 li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat ma kellux (ma kellhomx) influwenza avjarja b'patoġeniċità għolja kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008, u t-tjur inżamm f'azjenda:

(a) li fit-30 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni l-influwenza b'patoġeniċità baxxa ma kinitx preżenti fihom;

(b) li jinsab f'żona li mhix taħt restrizzjonijiet veterinarji uffiċjali mill-awtorità kompetenti fir-rigward ta' tifqigħa tal-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa u fi kwalunkwe każ li madwaru f'raġġ ta' 1 km ma kienx hemm influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-ebda azjenda matul l-aħħar 30 jum qabel l-importazzjoni fl-Unjoni;

(c) fejn ma kien hemm l-ebda rabta epidemjoloġika ma' azjenda fejn ġiet skoperta l-influwenza avjarja b'patoġeniċità baxxa fl-aħħar 30 jum; qabel l-importazzjoni fl-Unjoni;]

II.1.5 ġejjin minn qatgħa li ma ġietx imlaqqma kontra l-influwenza avjarja;

II.1.6 ġejjin minn azjenda(i) definiti fil-Kaxxa I.11 tal-Parti I approvati uffiċjalment skont ir-rekwiżiti li huma mill-anqas ekwivalenti għal dawk stabbiliti fl-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE, fejn inżammu minn meta faqqsu jew għal mill-anqas sitt ġimgħat eżatt qabel l-esportazzjoni, u

(a) l-approvazzjoni tiegħu ma ġietx sospiża jew irtirata;

(b) li, fil-ħin tal-konsenja, ma kienx (kinux) soġġett(i) għall-ebda restrizzjoni tas-saħħa tal-annimali;

(c) li f'raġġ ta' 10 km, inkluż, fejn xieraq, it-territorju ta' pajjiż ġar, ma faqqgħetx l-influwenza avjarja b'patoġenità għolja jew il-marda ta' Newcastle għal mill-anqas it-30 jum ta' qabel;

II.1.7 ġejjin minn qatgħa li:

(a) ġiet eżaminata mhux aktar minn 24 siegħa qabel it-tagħbija u ma wriet l-ebda sinjal kliniku ta' mard u ma kien hemm ebda raġuni biex tiġi ssuspettata xi marda;

(b) għaddiet minn programm ta' sorveljanza tal-mard għal:

▼M34

PAJJIŻ **BPP (tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

([3]) *jew* [*Salmonella* Pullorum, *S.* Gallinarum u *Mycoplasma gallisepticum* (tajr);]

([3]) *jew* [*Salmonella arizonae* (serogrupp O:18(K)), *S.* Pullorum u *S.* Gallinarum, *Mycoplasma meleagridis* u *M. gallisepticum* (dundjani);]

([3]) *jew* [*Salmonella* Pullorum u *S.* Gallinarum (farawni, summien, faġani, perniċi u papri);]

skont il-Kapitolu III tal-Anness II tad-Direttiva 2009/158/KE u ma nstabx li kienet infettata, u ma wriet l-ebda raġunijiet biex tkun suspettata xi infezzjoni, minn dawn l-aġenti;

([3]) *jew* [(c) ma tlaqqmitx kontra l-marda ta' Newcastle;]

([3]) *jew* [(c) tlaqqmet kontra l-marda ta' Newcastle:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Isem u tip (ħaj jew inattivat) tar-razza tal-virus tal-marda ta' Newcastle użat fil-vaċċin/i))	Numru tal-lott	L-isem u l-manifattur tal-vaċċin

]

([5]) *u/jew* [(d) tlaqqmet billi ntużaw vaċċini approvati uffiċjalment:

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-tilqim [dd/mm/yyyy]	Imlaqqma kontra	Numru tal-lott	L-isem, il-manifattur, u t-tip ta' vaċċini approvati uffiċjalment

]

II.1.8 ġew eżaminati fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat u ma wrew l-ebda sinjali kliniċi jew ma taw l-ebda raġuni biex tkun suspettata xi marda;

II.1.9 fil-perjodu msemmi f'II.1.6, ma ġewx f'kuntatt ma' tjur li ma jilħqux ir-rekwiżiti stipulati f'dan iċ-ċertifikat jew ma' tajr selvaġġ.

II.2. **Garanziji addizzjonali għas-saħħa pubblika**

([6]) [II.2.1 [Il-programm ta' kontroll tas-*Salmonella* msemmi fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 2160/2003 u r-rekwiżiti speċifiċi għall-użu ta' antimikrobiċi u vaċċini fir-Regolament (KE) Nru 1177/2006, ġew applikati għall-qatgħa ta' oriġini u l-qatgħa ġiet ittestjata għal serotipi ta' *Salmonella* ta' sinifikat għas-saħħa pubblika.

	Identifikazzjoni tal-qatgħa	Età tal-għasafar	Data tat-teħid tal-aħħar kampjun tal-qatgħa li minnha r-riżultat tal-ittestjar huwa magħruf [dd/mm/yyyy]	Riżultat tal-ittestjar kollu fil-qatgħa ([7])	
				pożittiv	negattiv

Għal raġunijiet oħra minbarra l-programm ta' kontroll tas-*Salmonella*, fl-aħħar tliet ġimgħat qabel l-importazzjoni:

([3]) *jew* [l-antimikrobiċi ma ġewx amministrati fuq it-tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr l-għasafar li ma jtirux;]

([3]) ([8]) *jew* l-antimikrobiċi ġew amministrati fuq it-tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr l-għasafar li ma jtirux;] ..... ;]]

([6]) [II.2.2 Jekk dan hu tjur tat-tgħammir, ma nstabet la s-*Salmonella* Enteritidis u lanqas is-*Salmonella* Typhimurium waqt il-programm ta' kontroll imsemmi fil-punt II.2.1.]

II.3. **Garanziji addizzjonali dwar is-saħħa tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

([9]) [II.3.1 fejn il-konsenja hija maħsuba għal Stat Membru li l-istatus tiegħu ġie stabbilit skont l-Artikolu 15(2) tad-Direttiva 2009/158/KE, it-tjur deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(a) ma tlaqqmux kontra l-marda ta' Newcastle;

▼M34

PAJJIŻ **BPP (tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

(b) inżammu f'iżolament għal 14-il jum qabel il-konsenja f'azjenda taħt is-superviżjoni ta' veterinarju uffiċjali. B'rabta ma' dan, l-ebda tajr fl-azjenda tal-oriġini jew tal-istazzjon tal-kwarantina, kif applikabbli, ma ġew imlaqqma kontra l-marda ta' Newcastle fi żmien 21 jum qabel il-konsenja u l-ebda tajra li ma kinitx maħsuba għall-konsenja ma daħlet f'dak iż-żmien;

(c) sar eżami seroloġiku fuqhom għall-preżenza ta' antikorpi tal-marda ta' Newcastle fl-14-il jum qabel il-konsenja u rriżultaw negattivi;]

([5]) [II.3.2 il-garanziji addizzjonali li ġejjin, stipulati mill-Istat Membru tad-destinazzjoni skont l-Artikoli 16 u/jew 17 tad-Direttiva 2009/158/KE, huma previsti:

..... ;]

([9]) [II.3.3 jekk l-Istat Membru ta' destinazzjoni huwa l-Finlandja jew l-Isvezja:

([3]) *jew* [it-tjur tat-tgħammir irriżultaw negattivi għat-test skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 2003/644/KE;]

([3]) *jew* [it-tiġieġ li jbidu (tjur produttiv imrobbi biex jipproduċi l-bajd għall-konsum) irriżultaw negattivi għat-test skont ir-regoli stabbiliti fid-Deċiżjoni 2004/235/KE.]

([13]) [II.3.4 it-tjur tat-tgħammir jew produttivi minbarra l-għasafar li ma jtirux deskritti f'dan iċ-ċertifikat ġew eżaminati u ttestjati skont il-punt 8 tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.]

II.4. **Rekwiżiti tas-saħħa addizzjonali**

([10]) [Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li:

għalkemm l-użu ta' vaċċini kontra l-marda ta' Newcastle li ma jissodisfawx ir-rekwiżiti speċifiċi tal-Anness VI (II) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008 mhux projbit fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

it-tjur deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

(a) ma tlaqqmux għal talanqas it-12-il xahar ta' qabel b'dawk il-vaċċini;

(b) ġej minn xi qatgħa jew qatgħat li għaddew minn test ta' iżolament tal-virus għall-marda ta' Newcastle, li sar f'laboratorju uffiċjali mhux aktar kmieni minn 14-il jum qabel ma saret il-konsenja fuq kampjun kloakali ta' mill-anqas 60 tajra f'kull qatgħa u li fih ma nstabu l-ebda paramiksoviruses avjarji b'Indiċi tal-Patoġeniċità Intraċerebrali (ICPI) ta' aktar minn 0,4;

(c) fis-60 jum ta' qabel il-konsenja ma kinux f'kuntatt ma' tjur li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet f'(a) u (b);

(d) inżammu f'iżolament taħt sorveljanza uffiċjali fl-azjendi tal-oriġini fil-perjodu ta' 14-il jum msemmi f'(b).]

([11]) II.5. **Attestazzjoni tal-ġarr tal-annimali**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, niċċertifika wkoll li t-tjur jinġarru f'kannestri jew gaġeġ li:

(a) fihom biss tjur tal-istess speċi, kategorija u tip, li ġejjin mill-istess azjenda;

(b) għandhom in-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda tal-oriġini;

(c) huma magħluqa skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti sabiex tiġi evitata kull possibbiltà ta' sostituzzjoni tal-kontenut.

(d) minbarra l-vetturi li fihom jinġarru, huma maħsuba biex:

(i) jipprevjenu l-ħruġ ta' ħmieġ u jnaqqsu kemm jista' jkun kull telf ta' rix waqt il-ġarr;

(ii) jippermettu l-ispezzjoni viżiva tat-tjur;

(iii) jippermettu t-tindif u d-disinfettazzjoni;

(e) ġew imnaddfa u diżinfettati, kif sar ukoll fil-każ tal-vetturi li fihom jinġarru, qabel it-tagħbija skont l-istruzzjonijiet tal-awtorità kompetenti.

▼M34

PAJJIŻ **BPP (tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr l-għasafar li ma jtirux)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Noti

Parti I:

— Kaxxa I.8: Agħti l-kodiċi taż-żona jew tal-kompartiment tal-oriġini, jekk hemm bżonn, kif definit fil-kodiċi tal-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

— Kaxxa I.11: L-isem, l-indirizz u n-numru tal-approvazzjoni tal-azjenda tat-tgħammir u tat-trobbija.

— Kaxxa I.15: Indika n-numru/i ta' reġistrazzjoni tal-vagun tal-ferrovija jew trakk, l-isem tal-vapuri u, jekk magħruf, in-numri tat-titjiriet tal-ajruplani. Fil-każ ta' ġarr f'kontenituri jew f'kaxxi, in-numru totali tagħhom u r-reġistrazzjoni tagħhom u fejn hemm numru tas-serje tas-siġill dan għandu jiġi indikat fil-kaxxa I.23.

— Kaxxa I.19: Uża l-kodiċi rilevanti tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali: 01.05 jew 01.06.39.

— Kaxxa I.28 (Kategorija): Agħżel waħda minn dawn li ġejjin: Linja pura/nanniet/ġenituri/għattuq li jbid/oħrajn.

Parti II:

([1]) Tjur tat-tgħammir u tjur produttivi kif definiti fir-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([2]) Il-kodiċi tat-territorju kif jidher fil-kolonna 2 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([3]) Żomm kif xieraq.

([4]) Daħħal l-isem tal-kompartiment(i).

([5]) Żomm jekk xieraq.

([6]) Din il-garanzija tapplika biss għat-tjur li jappartjenu għall-ispeċi *Gallus gallus* u għad-dundjani.

([7]) Jekk xi riżultati kienu pożittivi għas-serotipi li ġejjin matul il-ħajja tal-qatgħa, indika bħala pożittiv:

— qatgħat ta' tjur għat-tgħammir: *Salmonella* Hadar, *Salmonella* Virchow u *Salmonella* Infantis;

— qatgħat ta' tjur produttivi: *Salmonella* Enteritidis u *Salmonella* Typhimurium.

([8]) Imla jekk xieraq: indika l-isem u s-sustanza attiva tal-antimikrobiċi użati.

([9]) Ħassar jekk il-konsenja mhix intiża għall-Finlandja jew l-Isvezja.

([10]) Din il-garanzija hi meħtieġa biss għat-tjur li jiġu mill-pajjiżi, territorji, żoni jew kompartimenti fejn japplika l-Artikolu 13(1) tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

([11]) Jekk jogħġbok innota li, skont ir-Regolament (KE) Nru 1/2005 l-annimali jiġu ċċekkjati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri biex jaraw dawn jifilħux ikomplu l-vjaġġ wara li jidħlu fl-Unjoni. F'każ li r-rekwiżiti ma jintlaħqux, l-annimali jeħtieġ li jinħattu u jittieħdu miżuri ulterjuri.

([12]) Għall-pajjiżi jew territorji bl-annotazzjoni "N" fil-kolonna 6 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008, għat-tjur tat-tgħammir jew produttivi għajr l-għasafar li ma jtirux (BPP) biss, dan ifisser li f'każ ta' tifqigħa tal-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008 il-kodiċi tal-pajjiż jew il-kodiċi tat-territorju għandhom jibqgħu jintużaw iżda dan jeskludi kull żona taħt restrizzjonijiet uffiċjali, mill-pajjiż terz ikkonċernat fir-rigward tal-marda ta' Newcastle, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat.

([13]) Din il-garanzija hija meħtieġa biss għat-tjur tat-tgħammir jew produttivi minbarra l-għasafar li ma jtirux li ġejjin mill-pajjiżi, territorji jew żoni bl-annotazzjoni "X" fil-kolonna 5 tal-Parti 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 798/2008.

Dan iċ-ċertifikat huwa validu għal 10 ijiem.

Il-veterinarju uffiċjali

Isem (b'ittri kapitali): Kwalifika u titlu:

Data: Firma:

Timbru:

▼M34

Mudell taċ-ċertifikat veterinarju għall-għasafarli ma jtirux tat-tgħammir jew produttivi (BPR)

PAJJIŻ: **Ċertifikat veterinarju għall-UE**

Parti I: Dettalji tal-konsenja mibgħuta

I.1. Konsenjatur Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.	I.2. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	I.2.a.
	I.3. Awtorità Ċentrali Kompetenti	
	I.4. Awtorità Lokali Kompetenti	
I.5. Destinatarju Isem Indirizz Pajjiż Nru tat-Tel.	I.6.	
I.7. Pajjiż tal-oriġini — Kodiċi ISO	I.8. Ir-reġjun tal-oriġini — Kodiċi	I.9. Pajjiż tad-destinazzjoni — Kodiċi ISO
		I.10.
I.11. Il-post tal-oriġini Isem — Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem — Numru tal-approvazzjoni Indirizz Isem — Numru tal-approvazzjoni Indirizz	I.12.	
I.13. Post tat-tagħbija Indirizz — Numru tal-approvazzjoni	I.14. Data tat-tluq	Ħin tat-tluq
I.15. Mezz ta' trasport Ajruplan ☐ Vapur ☐ Vagun tal-ferrovija ☐ Vettura tat-triq ☐ Oħrajn ☐ Identifikazzjoni: Dokument:	I.16. BIP tad-dħul fl-UE	
	I.17. Numru/i tas-CITES	
I.18. Deskrizzjoni tal-prodott	I.19. Il-kodiċi tal-merkanzija (kodiċi SA) **01.06.39**	
	I.20. Kwantità	
I.21.	I.22. Għadd ta' pakketti	
I.23. Numru tas-siġill/tal-kontenitur	I.24.	
I.25. Prodotti ċċertifikati bħala: Tgħammir ☐		
I.26.	I.27. Għall-importazzjoni jew għad-dħul fl-UE ☐	

I.28. Identifikazzjoni tal-prodott

Speċi (isem xjentifiku)	Razza/Kategorija	Sistema ta' identifikazzjoni	Numru ta' identifikazzjonir	Kwantità

▼M34

PAJJIŻ **BPR (għasafar li ma jtirux tat-tgħammir jew produttivi)**

II. Tagħrif dwar is-saħħa	II.a. Numru ta' referenza taċ-ċertifikat	II.b.

Parti II: Ċertifikazzjoni

II.1. **Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimal**

Jiena, il-veterinarju uffiċjali sottoskritt, b'dan qed niċċertifika li l-għasafar li ma jtirux([1]) deskritti f'dan iċ-ċertifikat:

II.1.1 jissodisfaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 2009/158/KE;

II.1.2 baqgħu fi:

([2]) ([3]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

għal mill-anqas tliet xhur jew mindu faqqsu fejn ikollhom inqas minn tliet xhur; fejn kienu importati fil-pajjiż, territorju, żona jew kompartiment tal-oriġini, dan sar skont il-kundizzjonijiet veterinarji stretti talanqas daqs ir-rekwiżiti rilevanti tad-Direttiva 2009/158/KE u kull Deċiżjoni sussidjarja;

II.1.3 ġejjin minn:

([2]) ([3]) ([9]) *jew* [it-territorju tal-kodiċi .....;]

([3]) ([4]) *jew* [kompartiment(i) .....;]

([3]) *jew* [(a) li ma kellux (ma kellhomx) il-marda ta' Newcastle kif definit fir-Regolament (KE) Nru 798/2008;]

